TRIBUNAL GĦAT-TALBIET TAL-KONSUMATURI

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**ARBITRU**

**Dott. Deborah Schembri**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 18 ta' Mejju, 2023**

**Talba Nru: CCT198/22/DS**

**Alfred Cauchi**

**Vs**

**Portelli & Brincat Ltd.**

## It-Tribunal

Ra l-avviż tar-rikorrenti pprezentat fil-21 ta' Diċembru, 2022 fejn talab illi jingħata depożitu lura fl-ammont ta' elf Ewro (€1,000) illi huwa kien ħallas għal Zebra Blinds illi qatt ma ġew konsenjati kif ukoll wara illi il-*Manager* tas-soċjeta' intimata kien wiegħed illi ser jirrifondi l-istess somma jekk ma ssirx l-installazjoni tagħhhom fil-ħin stipulat u dan ma seħħx lanqas.

Ra illi s-soċjeta' intimata debitament notifikata bl-avviż tat-talba u tas-smiegħ la intavolat risposta u lanqas deher rappreżentant tagħha biex jippreżenta l-pużizzjoni tagħha waqt dawn il-proċeduri.

Ra l-atti kollha tal-kawża.

Sema' x-xhieda tar-rikorrenti bil-ġurament.

## Ikkunsidra

Illi mill-provi jirriżulta illi s-Sur Cauchi għamel ordni ta' Zebra Blinds mingħand is-soċjeta' intimata fil-15 ta' Settembru, 2022 liema blinds kellhom jiġu installati gimgħa wara s-16 ta' Novembru, 2022 skont annotament fuq l-istess dokument illi fuqu saret l-ordni *de quo*. Din l-installazjoni baqgħet ma saretx u minn *email* preżentata fl-atti jirriżulta illi s-Sur Mauro Portelli għas-soċjeta' intimata kien wiegħed illi jekk il-*blinds* ma jiġux installati sal-15 ta' Diċembru, 2022 id-depożitu kien ser jiġi rifuż fit-totalita' tiegħu. Is-Sur Portelli kien wiegħed ukoll illi għal dan il-għan l-attur kellu jgħaddi n-

47A, TRIQ NOFS IN-NHAR, VALLETTA VLT 1101 - MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888

numru tal-IBAN tiegħu lilu sabiex jekk l-installazjoni ma ssehx id-depożitu jiġi trasferit direttament fil-kont bankarju tal-attur. Minn dan kollu mwiegħed ma seħħ xejn u fl-aħħar l-attur ħass illi kellu jirrikorri għall-mezzi li ttih il-liġi galadarba ma setgħax jasal mod iehor biex jirkupra flusu.

Illi s-soċjeta' intimata la għamlet risposta u lanqas bagħtet rappreżentant tagħha sabiex jagħti x-xhieda tiegħu w'għaldaqstant il-verżjoni tal-attur m'hija bl-ebda mod kontradetta. Barra minn hekk il-verżjoni tal-attur hija korroborata min evidenza dokumentarja illi ma tħalli l-ebda dubbju f'moħħ dan it-Tribunal illi l-imsemmi depożitu ġie mħallas mill-attur għalkemm il-*blinds* illi għalihom tħallas l-imsemmi depożitu qatt ma ġew installati.

Illi t-Tribunal jinnota l-atteġġjament xejn professjonali tas-soċjeta' attriċi fil-konfront tal-klijent tagħha, illi wara illi għamlet wiegħdiet fiergħa dwar l-installazzjoni tal-prodott tagħha għal darba, darbtejn, għamlet ukoll wiegħdiet fiergħa dwar ir-rifużjoni tad-depożitu magħmul mill-attur b'dana illi għalkemm kienet hija stess illi tramite r-rapprezentant tagħha talbitu n-numru tal-kont sabiex tgħaddilu l-ħlas direttament dan baqgħet m'għamlitux għalkemm għaddew ix-xhur.

Illi t-Tribunal ulterjorment jinnota illi minbarra dan l-attur wara illi prova kemm -il darba jikkuntattja lis-soċjeta' attriċi illi bdiet tinjorah, kellu saħansitra jmur huwa stess ġewwa l-fabbrika tal-istess soċjeta' fejn reġgħa ġie mwiegħed servizz li ma ġiex onorat, kellu jirrikorri għand l-Għaqda tal-Konsumaturi f'tentattiv biex jintlaħaq kompromess illi baqa' ma ntlaħaqx, u kellu jirrikorri quddiem dan it-Tribunal diversi drabi sabiex fl-aħħar mill-aħħar is-soċjeta' intimata lanqas biss irrispondiet għat-talbiet attriċi u lanqas attendiet għas-seduti b'diżrispett totali lejn il-klijent tagħha kif ukoll lejn dan it-Tribunal. Dan l-aġir ikkawża inkonvenjent ċar lill-attur illi jkun inġust illi jgħaddi inosservat.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant, għar-raġunijiet kollha hawn fuq imsemmija, wara li ra l-atti, ra l-Kap 378 tal-Liġijiet ta' Malta, u wara li qies iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, dan it-Tribunal jidhirlu illi r-rikorrenti prova l-każ tiegħu suffiċjentement u sal-grad rikjest mill-liġi u għalhekk skont il-mertu u l-ġustizzja sostantiva kif ukoll skont l-ekwita' iħoss illi t-talba tiegħu għandha tiġi milqugħa fl-intier tagħha.

Għall-dawn il-motivi, jaqta' u jiddeċiedi billi jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jikkundanna s-soċjeta' intimata tirrifondi s-somma ta' elf Ewro (€1,000) f'depożitu lill-attur kif ukoll tikkundanna lill-istess soċjeta' tħallas is-somma ta' erbgħin Ewro (€40) lill-istess attur bħala danni morali għall-inkonvenjenza li kkawżatlu.

Bl-ispejjes kontra l-istess soċjeta' intimata.

**Deborah Schembri**
B.A. (Leg. & Hum. St.) (Melit.),
M.A. (Bioethics) (Melit.), LL.D. (Melit.),
Adv. Trib. Eccl. Melit.

**Arbitru**